MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 7/2007

**Maria Stella Agius**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Awissu, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tad-9 ta' Frar 2006.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell datata 6 ta' Marzu 2006.
>
> Ra r-risposta tad-Direttur tal-11 ta' Mejju 2006 flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-nota responsiva tal-appellanti.

Ra l-affidavits prezentati mill-appellanti.

Ikkunsidra:

Illi t-talba ta’ l-appellanti ghal Pensjoni ghal Irtirar giet michuda mid-Direttur stante illi l-medja minn sena ghal sena ta' kontribuzzjonijiet imhallsa minnha kienu anqas minn 20, u ghalhekk ai termini tal-Art.17(5) tal-Kapitlu 318, l-appellanti ma kenitx intitolata li tircievi l-Pensjoni ghal Irtirar.

Mid-dokumenti li gew esebiti kif ukoll minn dak li qed tikkontendi l-appellanti fl-ittra ta’ l-appell taghha, l-Arbitru jidhirlu illi l-appellanti kienet giet zgwidata fis-sens illi mill-informazzjoni li nghatat hija fehmet li jekk thallas l-ammont ta' Lm216.66 kif indikat fl-ittra tad-dipartiment tal-15 ta' Ottubru 1996, hija kienet ser tikkwalifika sabiex tircievi l-pensjoni l-kontributorja.

L-Arbitru huwa tal-fehma li f’ dak l-istadju l-appellanti kellha tigi informata li l-assessment dwar jekk kenitx intitolata li tircievi l-pensjoni kontributorja kellu jsir fid-data li hija kienet ser tapplika ghal tali beneficcju u ghalhekk il-hlas ta’ l-ammont imsemmi aktar 'il fuq ma kienx effettivament jikkostitwixxi garanzija li hija kienet ser tkun intitolata ghal pensjoni kontributorja meta taghlaq l-eta' pensjonabbli.

Ghal dawn il-motivi l-Arbitru, filwaqt li jichad l-appell a bazi tal-fatt li l-medja tal-kontribuzzjonijiet imhallsa hija anqas minn 20, u ghalhekk anqas minn dak rikjest fl-Artikolu 17(5) tal-Kap. 318, jissuggerixxi lid-Direttur li jirrifondi lill-appellanti s-somma ta' Lm216.66 imhallsa minnha, ghar-raguni li missha nghatat l-informazzjoni li l-kontribuzzjonijiet imhallsa minnha, (li wara kollox kienu kontribuzzjonijiet volontarji), ma kienux

> bizzejjed biex jintitolawha ghal Pensjoni ta' l-Irtirar."

L-aggravju tar-rikorrenti Maria Stella Agius fil-konfront ta' din is-sentenza huwa essenzjalment dak li giet vjolata l-aspettativa legittima taghha li tircievi Pensjoni ghall-Irtirar;

Mill-aspett pur tal-ligi jidher li d-dritt ghax-xorta ta' pensjoni reklamata mill-appellanti hu assoggettat ghad-dixxiplina normattiva stabbilita fl-Artikolu 44 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitolu 318). Fih jinghad illi biex persuna tikkwalifika ghall-pensjoni ghal min jirtira ried *inter alia* jissodisfa l-kondizzjoni prefissa fl-inciz (a). Jigifieri, li "fid-data ta' meta tirtira tkun tossidisfa l-kundizzjonijiet ta' kontribuzzjonijiet rilevanti". Fil-kaz in ispecje, ghal fini ta' dak is-sodisfaciment, anke wahda diretta ghall-pensjoni b' rata mnaqqsa, l-appellanti riedet turi illi almenu kellha akkreditati favur taghha l-medja ta' kontribuzzjonijiet fis-sena ta' mill-anqas ghoxrin. Dan skond kif ipprovdut fl-Artikolu 17 (5) ta' l-Att;

Ma jistax ma jigix osservat in parentesi illi l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali jikkostitwixxu l-forma ta' finanzjament tad-diversi ghajnuniet, beneficcji u pensjonijiet specifikati fl-Att imsemmi. Dan sija jekk dawn il-kontribuzzjonijiet isiru minn individwu, sija jekk, kif inhu sew maghruf, bil-partecipazzjoni ta' l-Istat u ta' min ihaddem. Hi din ir-razzjonalita` tal-principju li jsawwar ir-rapport prevedenzjali u l-aktar dak jekk il-kontribwent huwiex legittimament intitolat ghall-beneficcju jew pensjoni minnu konsegwit;

Fil-kaz prezenti l-fatti li taw lok ghall-kontroversja quddiem l-Arbitru kienu dawn. Fis-16 ta' Dicembru 2005 l-appellanti applikat ghall-Pensjoni ta' min Jirtira. Din it-talba taghha giet mid-Direttur appellat michuda bil-motiv illi l-appellanti kellha titqies skwalifikata milli tuzufruwixxi ruhha minn pensjoni bhal din minhabba li skond ir-*records*

Dipartimentali din kellha akkreditati medja ta’ 17.275 kontribuzzjoni biss. Medja din, allura, inferjuri ghal 20 kontribuzzjoni sabiex persuna tikkwalifika ghal dik il-pensjoni;

L-appellanti ma tikkonfutax dan l-assunt tad-Direttur appellat, u lanqas, fil-verita, ma tittanta tiskossa l-attendibilita` ta’ dawk ir-*records* Dipartimentali. Il-gravam taghha hu f’ direzzjoni ohra. Hi tissottometti illi fl-1996 kienet ghamlet indagini mad-Dipartiment biex tkun taf il-qaghda tal-kontribuzzjonijiet minnha mhallsa. Dan bl-iskop li hi tigi in regola qabel id-data ta’ l-eta` tal-pensjoni taghha. Tkompli ssostni illi giet informata bl-ammont ta’ kontribuzzjonijiet mhux imhallsa u spjegat lilha ukoll illi l-hlas ta’ dak l-ammont kien jaghmilha eligibbli biex tircievi pensjoni. F’ dan, l-appellanti hi korroborata minn xhieda ta’ Victoria Cardona li akkompanjatha fil-vizti taghha fid-Dipartiment;

Premessi dawn il-fatti ta’ naha u ta’ ohra, certament jirrientra fl-ambitu ta’ l-istharrig gudikanti mill-Arbitru illi dan jissotraji l-konsiderazzjonijiet tieghu minn kull element processwali quddiemu. Kompriz allura f’ dan l-idonejita ta’ l-elementi prospettati mill-partijiet. Hekk f’ dan il-kaz l-Arbitru ma naqqsetx milli tikkonsidra illi l-appellanti giet zgwidata u li kien messu nghata lilha l-ispjegazzjoni illi l-hlas ta’ dawk il-kontribuzzjonijiet mitluba lilha ma kienux ser iservu ta’ garanzija ghall-intitolar taghha ghall-pensjoni kontributorja fiz-zmien ta’ l-eta` pensjonabbli;

Il-Qorti thoss li ghandha tissofferma fuq dawn ir-riljevi ta’ l-Arbitru biex taghmel hi wkoll din ir-riflessjoni. Jekk hu veru li l-ligi timponi fuq il-kontribwent ir-responsabilita` ghall-hlas tal-kontribuzzjonijiet u li jara li l-qaghda tieghu hi in ordini mad-disposizzjonijiet tal-ligi, daqstant iehor fil-prattika etika-socjali ta’ dik il-*good governance* ghal liema wiehed ghandu jaspira, hu mistenni li d-Dipartiment, bhala entita uniku ta’ l-amminstrazzjoni prevedenzjali u fir-rapport tieghu mal-kontribwent jassisti lil dan ghat-tutela u

trattament assistenzjali xieraq tad-dritt tieghu ghall-pensjoni u tal-hlas korrispettiv. Fuq dan gja ghamlet il-kummenti taghha din il-Qorti fid-decizjonijiet "**Joseph Farrugia -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 29 ta' Mejju, 2000 u "**Valerio Valente -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 1 ta' Marzu, 2006;

Issa huwa veru li l-appellanti ma pproducietx biex jixhed lill-ufficcjal, li pprocessa l-kwezit taghha fl-1996, imma, apparti d-diffikolta ghall-appellanti li taghmel dan, konsiderat ukoll it-trapass taz-zmien, huwa fatt illi fuq il-provi istruttorji kollha li l-Arbitru kellha quddiemha din ma hassetx li ma kellhiex taghmel affidament fuq l-istqarrija guramentata ta' l-appellanti u dik tax-xhud taghha. Fejn ma taqbelx din il-Qorti mal-veduta ta' l-Arbitru jirrigwarda s-suggeriment taghha tar-rimbors tas-somma li l-appellanti kienet hallset f' kontribuzzjonijiet. Kien forsi aktar rakkomandabbli illi, tenut qies tac-cirkostanzi pekuljari kollha, l-appellanti tinghata l-opportunita` li thallas l-kontribuzzjonijiet l-ohra li kienu hekk minnha dovuti qabel ma lahqet l-eta` ta' l-irtirar. Ghallanqas dawk il-kontribuzzjonijiet li jwasslu biex hi tirraggungi l-medja ta' ghoxrin (20) kontribuzzjoni u tkun tikkwalifika ghall-pensjoni ridotta;

Naturalment la l-ligi hi dik li hi, din il-Qorti ma tistax tallontana ruhha minnha. Tista' pero`, kif qed taghmel, tirrizerva li taghmel ir-rakkomandazzjoni ghall-konsiderazzjoni opportuna tad-Direttur appellat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tichad it-talba ta' l-appellanti ghar-revoka kostitwita bl-appell, tirrakkomanda illi d-Direttur appellat jikkunsidra, fid-diskrezzjoni prudenzjali tieghu, is-suggeriment lilu maghmul mill-Qorti fil-konsiderandi suesposti. L-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------